MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 173/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fuq talba ta’ l-Awtorita` Maltija tat-Turizmu kontra Joseph Borg talli nhar l-4 ta’ Settembru 2003 u/jew fil-granet ta’ qabel mexxa u/jew opera attivita` turistika International Club Hotel Islet Promenade, Bugibba San Pawl il-Bahar, minghajr ma’ kellu licenza mahruga ghalhekk mill-Awtorita`;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ April 2006 li permezz

taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Joseph Borg hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu minnha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-12 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;
Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi ghax minkejja li tressqu provi sodisfacenti li l-appellant kien il-persuna li attwalment kien qed jopera l-attivita` turistika, l-ewwel Qorti strahet biss fuq applikazzjoni li certu Francis Mifsud kien ghamel ghal-licenzja. Skond l-appellant, dan ma jammontax ghal dubju ragjonevoli u l-ewwel Qorti kellha tistrieh fuq il-provi fattwali.

Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma sabitx htija "peress li ma sarx ness bejn l-operat tal-lukanda u l-operatur". Qalet ukoll li nonostante d-dokumenti esibiti, ma rrizultax "b'mod car min kien verament qieghed jamministra l-lukanda msemmija."

Din il-Qorti semghet mill-gdid ix-xhieda u dak li qalu huwa fil-qosor is-segwenti:

**Anna Borg** *assistant manager* mal-MTA, xehdet illi minn spezzjonijiet fl-International Club Hotel irrizultaw nuqqasijiet serji u gie deciz li jintbaghat *warning* lil Joseph Borg biex jirrettifika n-nuqqasijiet fi zmien hmistax-il gurnata. Wara li ghadda dan il-perijodu inutilment, fl-20 ta' Gunju kitbulu biex jghidulu li l-licenzja ser tigi rtirata u li ma setax jirreklama jew jopera l-lukanda minn dik id-data. Fl-4 ta' Settembru 2003 sabu li kien ghadu qieghed jopera u nhareg *administrative fine notice*. Minn spezzjonijiet

sussegwenti fl-2004 sabu li kien baqa' jopera u fl-ahhar gie mgieghel jaghlaq "bil-forza". Mistoqsija mill-Qorti x'wassalhom jikkonkludu li kien Joseph Borg l-operatur tal-post, ix-xhud qalet li hu kellu r-responsabbilta` tad-decizjonijiet kollha – meta jkellmu lill-*accountant* jirreferi dejjem ghal Joseph Borg, it-tifla tieghu wkoll kienet irreferiethom lil missierhom meta nfurmawhom dwar l-*administrative fine notice*. Qalet li lil Joseph Borg kienet tkellmu personalment ukoll. Mistoqsija taqbilx li skond ir-*records* ta' l-MTA l-*licensee* ergo l-*operator* huwiex Francis Mifsud, qalet li meta xi hadd ma jkollux licenzja l-*administrative fine* tohrog f'isem l-operatur. Lil Francis Mifsud qatt ma kellmitu

Meta kompliet tixhed, Anna Borg qalet li meta kienu jkellmu lil Joseph Borg fuq investiment li ghandu jsir fil-lukanda, kien jghid "qed nipprova nirranga, bhalissa ghandna l-problemi, m'ghandix flus bizzejjed biex naghmel kollox f'daqqa". Ziedet tghid li kienn jassumi r-responsabbilta`. Qalet li kienu jiltaqghu mieghu kemm fl-ufficcju ezatt mal-lukanda kif ukoll fit-Tartan Bar. Kienu jkunu prezenti maghha daqqa Vahlmor Micallef u daqqa Noel Agius. Apparti Joseph Borg kien ikun hemm it-tifel u t-tifla tieghu li tiddeskrivi bhala "n-nies li kienu responsabbli tal-hotel". Ix-xhud irreferiet ghal ittra datata 18 ta' Settembru 2003 mibghuta minn Joseph Borg fejn irrefera ghalih innifsu bhala "Managing Director".

**Noel Agius**, li ukoll jahdem mal-MTA, ikkonferma li kien akkompanja lil Anna Borg waqt xi spezzjonijiet fil-lukanda in kwistjoni. Fis-16 ta' April 2003 tkellmu ma' John Borg, id-*duty manager*, fil-prezenza ta' Joseph Borg. Dan kien gerger fuq finanzi u li s-sitwazzjoni ma tantx kienet tajba. Dan ix-xhud ukoll irrefera ghal ittra indirizzata lil Charles Grech, il-Manager taghhom, fejn Joseph Borg kiteb fil-kapacita` tieghu ta' *Managing Director*.

**Dott. Michael Camilleri** xehed in rapprezentanza tal-MTA u qal li l-*licensee* tal-lukanda in kwistjoni sa l-ahhar tas-sena 2002 kien Francis Mifsud u li wara giet kancellata.

Wara li semghet dawn il-provi u ezaminat id-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Mid-dokumenti jirrizulta li l-*licensee* kien ghadu Francis Mifsud. Ir-rapprezentanti tal-MTA la kellmuh u l-anqas dehrilhom li ghandhom itellghuh bhala xhud biex jispjega l-pozizzjoni. Gew esebiti ittri mibghuta mill-MTA lil Joe Borg izda ma gewx esebiti ittri li Joe Borg jew il-konsulenti legali tieghu kitbu lill-MTA. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni rreferew ghal ittra li jghidu ntbaghtet minn Joseph Borg li ffirma bhala *Managing Director* izda ghal xi raguni ma dehrilhomx li kellhom jesibuha quddiem l-ewwel Qorti. Il-fatt li l-*accountant* u t-tifla ta' l-appellat irreferew lil Anna Borg lill-appellat ma jfissirx li hu kien l-operatur skond il-ligi. Anna Borg qalet li l-appellat kien qallha li kien qieghed jipprova jirranga, li kellu l-problemi u li ma kellux flus bizzejjed biex jaghmel kollox f'daqqa, izda tirreferi wkoll ghal uliedu bhala li kienu responsabbli tal-hotel. Noel Agius jirreferi ghal okkazjoni meta hu u Anna Borg tkellmu ma' John Borg, id-*duty manager*, fil-prezenza ta' Joseph Borg u li dan gerger fuq fnanzi u li s-sitwazzjoni ma tantx kienet tajba – dan id-diskors ma jirrendix persuna awtomatikament "operatur".

F'dan il-kaz mela ghandna sitwazzjoni fejn ma ngabitx l-ahjar prova mill-prosekuzzjoni sabiex jigi ppruvat minghajr dubju ragjonevoli li kien proprju l-appellat l-operatur skond il-ligi ta' l-International Club Hotel.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------